MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2007

Avviz Numru. 10/2002

Korporazzjoni Enemalta

Vs

Lawrence Fenech

Il-Qorti,

Rat l-avviz prezentat fit-18 ta' Lulju 2002 li permezz tieghu l-Korporazzjoni attrici qeghda titlob il-hlas tas-somma ta' erbat elef sitt mija u sitta u hamsin lira Maltija u tnejn u tmenin centezmu (Lm4,665.82) rapprezentanti konsum mhux registrat ta' kurrent elettriku fil-fond tal-konvenut maghruf bhala Gelateria Granola, fin-numru mija u erbgha u tmenin (184), Triq Papa Gwanni Pawlu II, Rabat, Ghawdex fil-perjodu qabel id-19 ta' Gunju tas-sena elfejn (2000) minhabba manumissjoni li kien hemm fil-meter tal-elettriku fl-istess fond.

Permezz ta’ nota ta’ l-eccezzjonijiet prezentata fid-9 ta’ Awwissu 2002 (fol. 6) il-konvenut eccepixxa li:

1. Qabel xejn, il-Korporazzjoni attrici jehtieg li tiggustifika l-jedd taghha sabiex tagixxi b’din il-kawza biex tigbor hlas ghall-konsum ta’ elettriku allegatament mhux registrat. Dan peress illi l-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta’ l-Ilma tippretendi li jispetta lilha skond il-ligi l-jedd esklussiv li tigbor hlasijiet ghall-konsum tal-kurrent elettriku.

2. Fil-mertu t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

3. L-ammont mitlub hu esagerat u mhux gustifikat.

4. Lanqas mhi gustifikata t-talba ghall-hlas ta’ imghax.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti tal-kawza inkluz n-nota prezentata fit-28 ta’ April, 2003 (fol. 9) li permezz taghha rrinunzjat ghall-ewwel eccezzjoni u ghal dik prezentata fis-27 ta’ Frar 2007 li permezz taghha l-Korporazzjoni attrici rriduciet it-talba taghha ghas-somma ta’ elfejn erbgha mija u sebgha u tmenin lira Maltija u sitta u erbghin centezmu (Lm2,487.46).

Rat li mill-atti jirrizulta li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet prezentata mill-Korporazzjoni attrici.

Ikkunsidrat:

1. Il-fatti tal-kaz huma s-segwenti:

(a) Il-konvenut ghandu fabbrika tal-gelat li kien jopera minn gewwa l-fond “Gelateria Granola”, 184, Triq Papa Gwanni Pawlu II, Rabat, Ghawdex.

(b) Fid-19 ta' Gunju 2000 kien sar rapport lill-pulizija minn ufficjal tal-Korporazzjoni Enemalta li l-meter tad-dawl installat fl-imsemmi fond kien imbaghabas. Kienet saret inkjesta u ttiehdu proceduri kriminali kontra l-konvenut (fol. 18). Il-konvenut kien ammetta l-akkuzi migjuba kontra tieghu u hallas is-somma ta' mija u erbgha u sittin lira Maltija u sebghin centezmu (Lm164.70) ghal dak li hu telf ta' konsum u ghoxrin lira Maltija (Lm20) ghall-hsara.

(c) Jirrizulta li l-istima ta' mija u erbgha u sittin lira Maltija u sebghin centezmu (Lm164.70) saret mill-avukat Dr. Kevin Mompaolo[1] li kien gie mahtur bhala espert mill-Magistrat Inkwirenti (ara xhieda tieghu moghtija fis-seduta tas-27 ta' April 2007 – fol. 103). Mir-rapport tieghu jirrizulta wkoll li dan l-ammont jirreferi ghall-perjodu ta' sena biss (ara rapport a fol. 106-133).

(d) Il-meter tad-dawl li rrizulta li kien imbaghbas inbidel b'meter iehor (tal-marka Kritik bin-numru 6568145 [fol. 54]).

(e) Il-meter kien gie originarjament installat fil-fond in kwistjoni fis-7 ta' Mejju 1987 fuq applikazzjoni li saret mill-konvenut innifsu.

(f) Il-Korporazzjoni qeghda tippretendi hlas ghall-perjodu mill-11 ta' Marzu 1995 sal-gurnata li fiha saret l-ispezzjoni (19 ta' Gunju 2000).

(g) Originarjament l-istima li ghamlet il-Korporazzjoni kienet fl-ammont ta' erbat elef tmien mija u wiehed u ghoxrin lira Maltija u hamsa u hamsin centezmu (Lm4,821.55,2). L-istima saret billi sar paragun bejn il-konsum fil-perjodu ta' wara l-incident u dak fil-perjodu ta' qabel incident. Sussegwentement l-istima giet riveduta minn Alan Chetcuti (impjegat tal-Korporazzjoni attrici).

(h) Il-konsum ta' dawl fil-perjodu bejn il-11 ta' Marzu 1995 sad-19 ta' Gunju 2000 (1927 gurnata) kien ta' 296,458 units (ara rendikont imhejji minn Alan Chetcuti a

[1] Mill-provi rrizulta li Dr. Mompalao ghandu kwalifiki fis-sengha ta' l-elettriku.

**fol. 162**). Dan jaghti medja ta' konsum ghal kull gurnata ta' 153.84 units. Imbaghad sar paragun mal-konsum ghall-perjodu mid-19 ta' Gunju 2000 sas-6 ta' April 2001 (291 gurnata). Matul dan il-perjodu l-konsum kien ta' erbgha u hamsin elf disgha mija u wiehed u ghoxrin (54,921) b'medja ta' mija u tmienja u tmenin punt tlieta u sebghin (188.73) unit ghal kull gurnata. B'dawn ic-cifri Alan Chetcuti kkalkola kemm suppost kien il-konsum ta' dawl fil-perjodu in kwistjoni.
(i) Skond ir-revizjoni tal-istima li ghamlet il-Korporazzjoni attrici l-hlas li hu dovut mill-konvenut ghall-perjodu **mill-11/3/1995 sa 19/6/2000** (cjoe' l-perjodu li ghalih qieghed jitlob il-hlas) hu:-

1927 gurnata @ 188.732 unit ghal kull gurnata ………….363,687 units
(Tnaqqas units li gew registrati…………………………...296,458 units)

**Total…………………………………………………….67,229 units.**

**<u>Hlas dovut hu ta' 67,229 units @ Lm0.037[2] ghal kull unit = Lm2,487.46</u>**

(j) Fl-ezercizzju li taghmel il-Korporazzjoni attrici f'kazijiet simili, ma toqghodx tara jekk il-konsumatur ikun zied l-apparat (fol. 160 xhieda ta' Alan Chetcuti).

(k) Minn Lulju 2004 il-post ma baqax jintuza ghall-manifattura tal-gelat (ara xhieda ta' Dominic Fenech moghtija fis-seduta tat-18 ta' Mejju 2007 a fol. 169).

2. Jibda biex jinghad li l-kalkoli li qeghdin isiru huma bil-fors approssimattivi. L-ezercizzju li ghamlet il-Korporazzjoni attrici jikkonsisti f'paragun bejn konsum registrat fil-perjodu meta qeghda tippretendi hlas ghalih (11/3/1995-19/6/2000) u l-konsum f'perjodu ta' wara

[2] Rata ta' hlas applikabbli ghall-fondi kummercjali.

(19/6/2000-6/4/2001). Mill-provi rrizulta li fil-kalkoli ma ttiehdux in konsiderazzjoni fatturi bhal:

(a) Kwantita’ ta’ gelat li gie prodott matul il-hames (5) snin li gew investigati (11/3/1995 – 19/6/2000) u ghal liema perjodu jirreferi l-hlas, kif ukoll dak prodott fit-tieni perjodu (19/6/2000 – 6/4/2001);

(b) It-tip ta’ magni li kien hemm fil-fabbrika fiz-zewg perjodi;

(c) Bejn iz-zewg perjodi (igifieri 11/3/1005-19/6/2000 u 19/6/2000-6/4/2001) x’tibdil seta’ kien hemm fic-cirkostanzi (ezempju: makkinarju li ma baqax jintuza, tibdil ta’ makkinarju, zieda ta’ makkinarju);

(d) Filwaqt li l-ewwel perjodu (11/3/1995-19/6/2000) ikopri iktar minn hames (5) snin, il-perjodu ta’ wara (cjoe’ dak li jirreferi ghaz-zmien meta ma kienx hemm meter imbaghabas) hu ferm inqas (ftit iktar minn ghaxar (10) xhur).

(e) Ix-xoghol li sar fuq il-meter tad-dawl sabiex l-arlogg tad-dawl idur iktar bil-mod.

Anzi l-kalkoli li ghamlet il-Korporazzjoni attrici huma bhallikieku kollox baqa’ l-istess matul dawn iz-zewg perjodi (fatt li gie kkonfermat mill-ufficjal tal-Korporazzjoni attrici Alan Chetcuti).

3. Bil-metodu ta’ kalkolu addottat mill-Korporazzjoni attrici, ir-rizultat ivarja skond kemm ser jitqiesu xhur (jew granet) ghal finijiet tal-istima tal-medja konsum ghal kull gurnata. Hekk per ezempju jekk fir-rigward tat-tieni perjodu wiehed kellu jaghmel il-kalkoli fuq perjodu bejn 19/6/2000-8/8/2001 il-hlas zejjed li kienet tippretendi l-Korporazzjoni hu ta’ tlett elef tmien mija u tnejn u tmenin lira Maltija u tnejn u hamsin centezmu (Lm3,882.52) (ara dokument AC2 a fol. 164). Il-Korporazzjoni attrici ressqet ukoll bhala prova *record* tal-konsum attwali li jwassal sas-26 ta’ Ottubru 2004 (Dok. AC1A a fol. 163). Meta jsir

paragun bejn il-konsum attwali ghall-perjodu **11/3/1995-19/6/2000** u dak relattiv ghall-perjodu **19/6/2000-26/10/2004** jirrizulta li ghat-tieni perjodu l-medja ta' konsum ghal kull gurnata hu inqas minn dak relattiv ghall-ewwel perjodu (f'liema zmien rajna kif il-meter tad-dawl kien imbaghbas):-

| Konsum | Granet | Medja ta' konsum ghal kull gurnata. |
|---|---|---|
| **11/3/1995 – 19/6/2000**: | 296,458 | 1927 153.84 units |
| **19/6/2000 – 26/10/2004** | 208,177 | 1590 **130.92 units** |

Mela dan ifisser li f'dan it-tieni perjodu (li qieghed ikopri perjodu ta' ftit iktar minn erbgha (4) snin) il-medja ta' konsum ghal kull gurnata naqset (130.92) u mhux zdiedet, kuntrarjament ghal dak li jidher ghall-perjodu bejn 19/6/2000 sas-6/4/2001 (li hu perjodu ferm iqsar) b'medja ta' 188.73 unit ghal kull gurnata. Kalkoli li saru fuq l-informazzjoni li pprovdiet il-Korporazzjoni attrici stess. Ghalhekk jekk wiehed kellu jaddotta s-sistema li applikat il-Korporazzjoni attrici izda fuq firxa ta' perjodu ta' ftit iktar minn erbgha (4) snin, l-ebda hlas addizzjonali ma jkun dovut lill-Korporazzjoni attrici. Dan mehud in konsiderazzjoni li kif spjega Alan Chectuti (ufficjal tal-Korporazzjoni Enemalta) il-kalkoli li jaghmlu huma *"fuq il-principju ta' (all) things being equal.* ***Jigifieri ma noqghodux naghmlu xi distinzjoni bejn xi cirkostanzi li setghu nbidlu matul iz-zewg perjodi.*** *Imma mbaghad jigi mill-konsumatur li lilna jindikalna jekk kien hemm xi zieda ta' konsum u jaghtina r-ragunijiet" (fol. 161)*. Kalkoli li jidher li saru wkoll mill-konvenut (ara Dok. GG1 a fol. 166) mid-dokument li gie prezentat minn Alan Chetcuti (Dok. AC1 a fol. 163). Mela jidher li fir-realta' kien hemm tnaqqis ta' konsum ta' elettriku u mhux zieda fuq firxa ta'

ftit iktar minn erbgha (4) snin, minkejja l-fatt li mill-provi rrizulta wkoll li l-makkinarju zdied. Wiehed pero’ ma jistax ma josservax ukoll li fis-sena 2004 il-konsum fil-perjodu mill-10 ta’ Mejju 2004 sas-26 ta’ Ottubru 2004 tbaxxa ferm meta paragunat ma’ dawn il-perjodi fis-snin ta’ qabel. Skond iben il-konvenut, min-nofs Lulju 2004 il-post ma baqax jintuza ghall-manifattura tal-gelat (fol. 164). Il-Qorti temmen li mid-dokument a fol. 163 l-indikazzjoni hi li dan il-post ma baqax jintuza ghall-manifattura minn xi ftit qabel. Konkluzjoni li tasal ghaliha l-Qorti meta tqies il-konsum fis-snin precedenti matul dan il-perjodu ta’ sena. Jekk wiehed kellu jaghmel il-kalkoli sar-reading li ttiehed f’Mejju 2004, il-medja ta’ konsum ghal kull gurnata hu ta’ **143.47 unit** ghal kull gurnata, dejjem inqas mill-medja applikabbli ghall-ewwel perjodu (11/3/1995-19/6/2000 li kif rajna hu ta’ 153.84 units). Il-Qorti tqies li jekk wiehed kellu jaqbel mas-sistema ta’ kalkolu li uzat il-Korporazzjoni attrici, li ssir stima fuq firxa ta’ zmien itwal ikun iktar gust. Fil-fehma tal-Qorti din is-sistema hi wahda approssimattiva wisq in kwantu iz-zieda jew tnaqqis ta’ konsum ta’ elettriku jiddependi minn wisq fatturi li ma ttiehdux in konsiderazzjoni fil-kalkoli li saru mill-Korporazzjoni attrici.

4. Min-naha l-ohra, ighid x’ighid il-konvenut xi vantagg kien certament qieghed jiehu mill-fatt li l-meter tad-dawl kien imbaghbas. Argumenti li l-konvenut m’huwiex responsabbli, m’humiex rilevanti in kwantu mill-provi rrizulta li fil-proceduri kriminali ammetta l-akkuza ta’ serq ta’ elettriku. Inoltre rilevanti hu li jigi stabbilit jekk kienx qieghed jittiehed xi vantagg. Il-provi jindikaw li l-konvenut kien qieghed jiehu vantagg minn dan kollu. Inoltre, jigi rilevat li l-konvenut ma ressaq l-ebda ilment jew kontestazzjoni dwar il-perjodu minn meta l-Korporazzjoni bdiet tikkalkola ghal fini ta’ stima u qeghda tippretendi l-hlas. Rilevanti hu dak li jirrizulta mir-rapport imhejji mill-avukat Dr. Kevin Mompalao[3] u x-xhieda li ta, fis-sens li:

[3] Konfermat bil-gurament quddiem il-Qorti fis-seduta tas-27 ta’ April 2007 (fol. 103).

- il-meter kien imbaghabas (fatt li ma gie bl-ebda mod kontestat); *"it-toqba odjerna kienet wahda b'dijametru ferm zghir. Il-probabilita' hi li saret b'xi labra jew imsella imsahhna. L-oggett li seta' gie inserit minnha kien wieheed irqiq bhal ma hi fildiferuwa irqieqa. Fil-fatt il-grif fuq id-disk ghalkemm hemm hafna minnu go xulxin ukoll juri li sar minn xi haga rqieqa"* (fol. 120);
- *"F'dan il-kaz kif ghidt, it-toqba kienet fina hafna, mela, minhabba l-fatt li din it-toqba kienet tant fina, l-effett kien hafna inqas minn kazijiet ta' serq ta' dawl ohra. L-effett jigi kkawzat mhux fit-toqba, imma tramite l-oggett illi jigi nserti fit-toqba. L-effett hu l-mod kif iddur id-diska. Allura peress li l-oggett f'dan il-kaz, setgha kien wiehed zghir hafna, ma kienx ser jisslowja tant ir-rata li ddur bih id-diska"* (fol. 104).
- *"Bil-mod ta' kif kien jidher il-grif u l-wisgha tat-toqba u tenut kont tal-fatt li l-meter kien tat-three phase u kellu tlett diski,* ***l-esponent jidhirlu illi t-tip ta' oggett inserit ma setax kellu effett aktar minn li jzomm l-meter minn li jirregistra percentwali ta' mhux aktar minn ghaxra fil-mija****. Cioe' il-meter kien qed jirregistra disghin fil-mija tal-konsum"* (fol. 121).

Wiehed japprezza li l-kalkoli li ghamel l-espert tal-Qorti saru b'mod approssimattiv ukoll (kif wara kollox rajna li saru l-kalkoli mill-Korporazzjoni attrici), pero' ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod tista' twassal lill-Qorti sabiex tiskarta l-opinjoni teknika espressa minnu. Ghalkemm il-Korporazzjoni ghandha persuni teknici, ma tressqet ebda prova li tirribatti din il-prova. Il-Qorti tqies li fic-cirkostanzi l-mod li addotta l-espert mahtur mill-Magistrat Inkwirenti hu iktar ekwu u gust.

5. Fic-cirkostanzi l-Qorti tqies li mehud in konsiderazzjoni dak li rrizulta mill-provi ghandha taghmel il-kalkoli taghha fuq il-persentagg li ffissa l-avukat Dr. Kevin Mompalao, cjoe' zieda ta' 10% fuq il-konsum li effettivament gie registrat fil-perjodu in kwistjoni (11/3/1996-19/6/2000). Dan ifisser li fuq konsum ta' 296,458 units (ara fol. 162) fil-perjodu in kwistjoni, zieda

ta’ 10% taghtina konsum totali ta’ 326,103, igifieri medja ta’ 169.23 units ghal kull gurnata. Ghalhekk id-differenza li ghandha tithallas mill-konvenut hi s-segwenti:

326,103 @ Lm0.037 per unit……………………….Lm12,076.91
296,458 @ Lm0.037 per unit……………………….(Lm10,968.95)

**Total……………...................Lm1,107.96**

Naqqas Lm164.70 diga’ mhallsa mill-konvenut…….(Lm164.70)

**<u>TOTAL……………………...Lm943.26.</u>**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi ghall-motivi fuq moghtija tilqa’ t-talba tal-Korporazzjoni attrici limitatament ghas-somma ta’ disgha mija u tlieta u erbghin lira Maltija u sitta u ghoxrin centezmu (Lm943.26), liema ammont il-konvenut qieghed jigi kkundannat ihallas lill-Korporazzjoni attrici.

Spejjez jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------